Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Francis E. Sullivan

Vs

Industrial Motors Ltd

CCT 242/24/MM

Illum, 31 ta' Lulju 2025

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2024 fejn talab is-somma ta' elfejn mitejn u wieħed u sebgħin ewro (€2,271) minghand is-socjeta' intimata rappreżentanti spiża biex tisewwa ħsara fil-vettura tiegħu.

Ra r-risposta tal-intimat preżentata fl-24 ta' Diċembru 2024.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti huwa sid tal-vettura Nissan 370Z Ii xtara f'Mejju tas-sena 2010. Din il-vettura hija wahda sportiva u ma tantx kienet tinstaq mir-rikorrenti, hu dejjem żammha fi stat pristinat. Huwa jilmenta illi fi Frar tas-sena 2024, ha l-vettura biex jaghmillha s-service, u gie nnutat illi kellha difett fid-dashboard, senjament illi d-dashboard beda jitqaxxar u jingiref, u l-materjal tieghu jerhi fl-idejn. Jirrizulta illi dan id-difett jirilaxxa kimici tossici Ii huma ta' hsara ghas-saħħa. Illi wara Ii ġie nnutat dan id-difett, ir-rikorrenti ikkuntatja Iii

Jason Aquilina, li kien bieghlu l-vettura. Dan l-istess Jason Aquilina irrefera l-korrispondenza lil Daniel Vella, li huwa l-*after sales manager*. Illi wara illi saret il-komunikazzjoni ma' Nissan Europe, is-soċjeta' intimata infurmtu li ma kellhom l-ebda responsabbilta' illi jagħmlu t-tiswijiet neċċessarji fuq il-vettura a spejjez tagħhom. Ir-rikorrenti jispjega li għamel it-talba fit-3 ta' Marzu 2024 u wara 7 xhur ta' skużi, l-Aġent ta' Malta qallu biex jitlob rimedju mingħand in-Nissan barra minn Malta. Ir-rikorrenit jgħid li din mhux soluzzjoni aċċettabli peress li huwa xtera l-karozza minn Malta. Ir-rikorrenti jinsisti li f'Ottubru 2024 kienu qalulu li l-vetturi prodotti qabel l-2011 kellhom problema fid-dashboard u tiegħu nxtrat fl-2010. Il-karozza kellha wkoll *steering lock* difettuż u minkejja li n-Nissan għamlu *recall*, minn Malta ma kienux għamlu xejn dwar dan.
Illi permezz ta' risposta, s-socjeta' intimata eċċepiet li l-kumpanija konvenuta Industrial Motors Ltd mhijiex il-konvenuta xierqa f'din il-kawża peress li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u l-kumpanija konvenuta, u għalhekk l-imsemmija kumpanija konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Ikkunsidra

Jirriżulta li r-rikorrent huwa sid ta' vettura Nissan 370Z mixtrija f'Mejju 2010. Huwa jallega li fi Frar 2024, waqt service fuq il-vettura, ġie nnutat difett serju fid-dashboard li beda jitqaxxar u jinqasam, b'mod li rrilaxxa materjal li allegatament jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa. Huwa għamel l-ilment lil Jason Aquilina li wasslu għand Daniel Vella ta' Industrial Motors Ltd, u wara komunikazzjoni man-Nissan Europe, il-kumpanija rrifjutat li tagħmel tiswijiet mingħajr ħlas.

Il-kumpanija intimata Industrial Motors Ltd wieġbet li ma kienetx il-bejjiegħ tal-vettura, u li m'hemmx relazzjoni ġuridika bejnha u r-rikorrent. Illi l-eċċezzjoni hija illi filwaqt illi t-talba nfetħet kontra Industrial Motors Limited, kienet is-socjeta' Nissan Motor Sales Limited li biegħet il-vettura lill-ilmentatur u għalhekk, it-talba kellha tinfetah kontra Nissan Motor

Sales Limited u mhux kontra Industrial Motors Limited. Illi t-Tribunal jaqbel mar-rikorrenti li mill-provi migjuba, jirrizulta li Daniel Vella kien qieghed jikkomunika mar-rikornet taħt il-kappa ta' rappreżetant ta' Industrial Motors Limited. Mill-atti jirriżulta li s-soċjeta' intimata kienet qed taġixxi bħala *After Sales Service Provider* f'isem il-marka Nissan u bdiet tittratta direttament l-ilment, inkluż billi offriet diversi skontijiet biex tirrimedja d-difett. Għalkemm il-vettura nbigħet teknikament minn entità oħra (Nissan Motor Sales Ltd), il-fatt li Industrial Motors Ltd ipparteċipat b'mod attiv fit-trattazzjoni tal-ilment – inkluż mal-fornituri Ewropej – jfisser li hi aġixxiet bħala After Sales Service Provider u għaldaqstant, dan jagħtiha pożizzjoni ta' responsabbiltà.

Illi għalhekk l-eċċezzjoni preleminari qegħda tiġi miċħuda.

Ikkunsidra

Illi dwar il-mertu, r-rikorrent jgħid li l-materjal tad-dashboard kien difettuż sa minn meta ġiet prodotta l-vettura u jinvoka wkoll li l-materjal jista' jkun tossiku. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrenti jagħmel referenza għall-artikolu 58 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan qiegħad jinftiehem bħala allegazzjoni ta' responsabbiltà għall-prodott difettuż, kif trattat fit-Taqsima IX tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Artikoli 56 sa 71A).

Skont l-Artikolu 67 tal-Kap 378, kull azzjoni għall-prodott difettuż trid tittieħed fi żmien għaxar (10) snin mit-tqegħid tal-prodott fiċ-ċirkolazzjoni. Peress li l-vettura ġiet fis-suq fl-2010 u l-ilment sar fl-2024, kull pretensjoni taħt din it-Taqsima hija preskritta u ma tistax tiġi aċċettata.

Madankollu, ir-rikorrent ma talabx kumpens għal danni personali biss imma jitlob ukoll rimborż għall-ispejjeż relatati ma' tiswija, u għalhekk it-Tribunal jikkunsidra li parti mill-

ilment taħt il-kapitolu tal-nuqqas ta' konformità tal-prodott, jiġifieri Artikoli 77 et seq tal-Att.

Illi skont l-Artikolu 78 tal-Att, Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħu fi żmien sentejn minn dakinhar u skont l-Artikolu 80 tal-Att, kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jimmanifesta ruħu fi żmien sena mill-mument li fih ikunu ġew konsenjati l-oġġetti għandu jkun preżunt li kien jeżisti fil-mument tal-konsenja, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor jew jekk din il-preżunzjoni tkun inkompatibbli man-natura tal-oġġetti jew man-natura tan-nuqqas ta' konformità.

Għalhekk wara sentejn mill-kunsinna, il-konsumatur ma jibqax igawdi l-preżunzjoni legali ta' difett preeżistenti u għandu jġorr il-piż tal-prova. It-Tribunal josserva li, fil-każ in eżami, id-difett ġie skopert fi Frar 2024 u ġie rrapurtat immedjatament; għaldaqstant, l-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 79 ġie sodisfatt. Madankollu, it-Tribunal irid iqis ukoll li l-vettura għandha 14-il sena u ma hemm l-ebda prova teknika indipendenti li tipprova li d-difett kien preżenti sa mill-bidu, u mhux riżultat ta' użu normali jew *swear and tear* tal-materjal. It-tip ta' difett (qsim u qxur tad-dashboard) jista' raġonevolment jinqies bħala konsegwenza ta' degradazzjoni maż-żmien, mhux neċessarjament bħala difett tal-manifatura.

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid

jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi fil-fehema tat-Tribunal kien jispetta lir-rikorrenti li tippreżenta evidenza teknika biex tissostanzja l-argument tagħha. Illi t-Tribunal mhux f'pożizzjoni li jikkonferma jekk il-problemi viżibbli fid-dashboards humiex difett tal-fabbrika kif qed jinsisti r-rikorrenti jew inkella sempliċiment każ ta' *wear and tear*. Illi r-rikorrenti kellu l-opportunita' li jħarrek lill-mekkanik li kien ġibidlu l-attenzjoni għal dawn id-difetti sabiex jagħti xhiedha teknika iżda naqas li jagħmel dan. Illi kif ingħad il-piż tal-prova huwa fuq ir-rikorrenti u kien jispetta lill-istess r-rikorrenti li jippreżenta rapport ta' persuna teknika bħal mekkanik jew jitolbu lit-Tribunal jaħtar espert sabiex jeżamina l-vettura u jirrelata ma dan it-Tribunal. Illi dan kien iwassal sabiex jiġi determinat jekk id-difett kienx wieħed tal-fabbrika jew le.
Illi l-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqas milli jissostanzja t-talbiet tiegħu bi provi konkreti. Għal kuntrarju s-soċjeta' intimata spjegat li għamlet li setat biex tassisti lir-rikorrenti pero' dan huwa każ fejn ir-rikorrent ma riedx jaċetta li r-riċerka li kien sab kienet relevanti għall-vetturi li ħarġu fis-suq Amerikan u li fil-fatt in-Nissan ma kienet għamlet l-ebda *recall* tal-vetturi fl-Ewropa fuq problemi bħal ma esperjenza r-rikorrent. Għalhekk, f'nuqqas ta' prova teknika konvinċenti favur ir-rikorrenti, t-Tribunal hu tal-fehma li 14-il sena huwa żmien esaġerat sabiex konsumatur jistenna li parti bħal dashboard tibqa' intatta, speċjalment f'kundizzjonijiet ambjentali varji.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti naqas li jipprova l-każ tiegħu u fuq bilanċ ta' probabbilita,' l-provi juri li s-soċjeta intimata għandha raġun u m'għandiex twieġeb għad-danni stante li hija aktar plawsibbli li l-kundizzjoni preżenti tad-dashboard hija probabbilment konsegwenza ta' *wear and tear* u mhux konsegwenza ta' difett preeżistenti.

Għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma rnexxillux jipprova l-każ tiegħu sal-grad li trid il-liġi u applikati dawn il-principji għall-kaz in ezami, dan it-Tribunal iħoss li ma jistax jilqa' t-talba rikorrenti.

Finalment it-Tribunal huwa tal-fehema li l-fatt li s-soċjetà intimata, b'mod volontarju u bħala ġest ta' bon sens kummerċjali, offriet skont jew għajnuna lill-konsumatur sabiex tinstab soluzzjoni amikevoli għall-ilment fejn offriet diversi skontijiet, inkluż offerta biex il-konsumatur iħallas biss għall-*labour* u *shipping*, ma jistax jiġi interpretat bħala ammissjoni ta' responsabbiltà. Dawn l-atti għandhom jidhru għal dak li huma — espressjoni ta' servizz tajjeb lill-klijent u għandu jittieħed f'dak il-kuntest, mhux bħala evidenza ta' responsabbiltà legali. Il-fatt li l-partijiet ma laħqux ftehim u sussegwentement ir-rikorenti intavola dawn il-proċeduri, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-prinċipju ġuridiku stabbilit hu li negozjati jew atti ta' buona fede qabel il-proċedura m'għandhomx jintużaw kontra l-parti li tkun ippruvat tissolva l-kwistjoni barra l-Qorti.

Decide

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru